# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 5/2016**

Il-Pulizija

vs

**Spiridione Costa**

iben Paul imwieled Valletta, fit-2 ta' Frar, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 102365(M)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Spiridione Costa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli:

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Paul Galea jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa bi strument li jaqta' u bil-ponta lill-istess Paul Galea, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Galea, liema offizi gew maghmula b'arma regulari.

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sean Galea, liema offizi gew maghmula b'arma rregulari.

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Paul Galea, Sean Borg u/jew persuni ohra jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Paul Galea u lil Sean Borg.

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat storbju u/jew glied.

8. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fi stat ta' sakra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-27 ta' Jannar 2015 u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217, 221(1)(2), 338(dd)(ff), 339(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Spiridione Costa hati tar-reati kollha kif moghtija lilu mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu tlett (3) snin prigunerija effettiva.

Oltre dan ordnat li l-mus esebit mill-Ispettur Trevor Micallef nhar il-11 ta' Dicembru 2014 (fol. 43) gie kkonfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Ordnat wkoll ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 li l-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-hatra tal-espert Dr Mario Scerri.

Rat ir-rikors tal-appellant Spiridione Costa minnu pprezentat fid-19 ta' Jannar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikati tal-12 ta' Jannar 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi kollha.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-Ewwel Qorti naqset milli tanalizia jekk kien hemm id-

difiza ta' sokor a tenur ta' l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, specjalment meta x-xhieda kollha jghidu li l-appellant kien fis-sakar u meta fl-istqarrija tieghu, l-appellant jghid li tant kien fis-sakra li ma jiftakarx x'gara. Kull ma jiftakar li sempliciment qam fl-Istpar. Ma kienx jaf li kien dahal f'argument ma' terzi fil-bar in kwistjoni. Jidher car li l-Artikolu 35(2) tal-Kodicoi Kriminali japplika b'mod partikolari l-paragrafu (b) ta' dan l-Artikolu. Mill-provi jidher hemm element sostanzjali ta' sokor, izda l-Ewwel Qorti ma dahlet f'dan l-issue.

Illi minghajr pregudizzju, l-piena mhix ekwa u gusta u dan stante li l-piena ta' tlett snin prigunerija hija kwazi l-massimu li l-Qorti tista' timponi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni imressaq mill-appellant huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti li huwa jikkritika ghaliex jemmen illi ma kienx hemmx provi fil-grad mehtieg mill-ligi li jindikaw li kien hu li xejjer id-daqqa ta' mus fil-konfront tal-vittmi Paul Galea u Sean Borg. Jistqarr illi l-Ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet taghha sahansitra tohloq konfuzjoni shiha bejn l-ismijiet tal-vittmi meta tirreferi ghalihom bl-isem zbaljat kontinwament. Mhux biss izda jilmenta illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ikkoncediet illi huwa kien fi stat ta' sokor meta sehh l-incident, madankollu ma qiesitx dan l-istat ta' intossikazzjoni bhala difiza fit-termini tal-artikolu 34 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Finalment jishaq illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eccessiva u tqarreb lejn il-massimu.

Issa l-appellant jilmenta illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ikkoncediet illi huwa kien fis-sakra fil-mument tal-kummissjoni tad-delitti imputati lilu, madanakollu ma qiesitx dina l-iskriminanti bhala difiza favur tieghu. Illi jibda biex jinghad illi huwa principju tad-dritt penali illi s-sokor ma

jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali[1]. L-eccezzjonijiet ghal dina r-regola jinsabu fis-sub-inciz (2) ghal-artikolu 34 tal-Kodici Kriminali:

> **(2) Is-sokor jista' jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali kemm-il darba -**
> **(a) minħabba f'hekk il-persuna akkużata, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-egħmil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra; jew**
> **(b) il-persuna akkużata, minħabba s-sokor, kienet fi stat ta' ġenn, temporanjament jew xort'oħra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas.**
>
> **(3) Jekk l-eċċezzjoni taħt is-subartikolu (2) tiġi ippruvata, il-persuna akkużata, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (a), tiġi illiberata u, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (b), igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 620 sas-623 u 625 sas-628.**
>
> **(4) L-istat ta' sokor għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna akkużata kenitx ifformat l-intenzjoni, speċifika jew xort'oħra, li mingħajrha ma kenitx tkun ħatja tar-reat**

Illi gie mghallem illi:

> **.... dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament. Meta jigi ppruvat li persuna tkun fi stat ta` sokor volut minnha, qabel ma tigi accettata l-eccezzjoni taht l-artikolu 34(4), il-Qorti ghandha tara u tezamina jekk minkejja dak l-istat ta` sokor, jew stat iehor approssimattiv, li forsi seta` b'xi mod jinnewtralizza l-possibilita` ta` intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilita` ta` intezjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-appellat kien fi stat li ma setax ikollu l-kapacita` li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari, izda kellu l-kapacita` li jifforma intenzjoni ghal reat iehor. Sabiex jigi invokat l-artikolu 34(4) b'success, mhux bizzejjed li jirrizulta li l-persuna imputat tkun fis-sakra. Biex dan l-istat ta` sokor ikun dirimenti, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta li, fil-hin tal-kommissjoni tad-delitt, ma kien jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kienet xi haga hazina[2].**

Dan ifisser illi ma kienx bizzejjed ghall-appellant jipprova illi huwa kien fis-sakra fil-mument tal-kummissjoni tar-reat, izda u fuq kollox illi kienu japplikaw fil-konfront tieghu xi wiehed jew aktar mill-eccezzjonijiet indikati fis-sub-inciz 2 ghall-artikolu 34 hawn fuq iccitati biex b'hekk

---

[1] Artikolu 34(1) Kodici Kriminali

[2] Il-Pulizija vs Mario Camilleri App.Inf. 06/10/1998

seta' jigi stabbilit illi huwa ma kienx f'kundizzjoni jifforma l-intenzjoni kriminali mehtiega sabiex jaghmel il-hsara minnu ikkagjonata jew inkella illi huwa kien fi stat ta' genn legali.

> ***"Evidence of drunkeness .... merely establishing that the mind of the accused was affected by drink so that he more readily gave way to some violent passion does not rebut the presumption that a man intends the natural consequences of his actions[3]."***

Illi kien jinkombi fuq l-appellant illi iressaq il-prova li fil-mument li huwa ikkometta d-delitti li dwarhom jinsab mixli, l-kundizzjoni tieghu ta' intossikazzjoni kienet tali li effettwatlu l-kapacita' tieghu li jifformola l-intenzjoni kriminali. Illi dan il-piz ta' prova kien jispetta lilu, izda huwa jonqos milli iressaq provi sabiex isostni dak minnu allegata u dan sal-grad mehtieg minnu u cioe' fuq bazi ta' probabbilita'. Provi f'dan ri-rigward ma hemmx u kwindi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha ma tista' qatt tasal biex tqies dina l-eccezzjoni minnu imqanqla.

Illi huwa minnu illi l-Ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza tfixkel l-ismijiet tal-vittmi involuti f'dan il-kaz, madanakollu din il-Qorti tqies illi minn ezami tal-atti huwa indubitat illi l-appellant kellu mus f'idejh, tant hu hekk illi x-xhud Karl Grima ghalkemm ma kienx prezenti meta sehh l-akkoltellament, madanakollu kien hu l-persuna li ra lill-appellant johrog il-mus minn fuq il-persuna tieghu u kien hu li wara l-incident nehha il-mus minn idejn l-appellant, liema mus aktar tard gie elevat mill-pulizija. Mhux biss izda kien fl-iskontru li sehh bejn l-appellant u Sean Borg segwiet wara minn dak ma' Paul Galea, li intervjena biex izomm lill-appellant milli ikompli jagredixxi lil Borg, illi gew rapportati il-feriti konsistenti minn griehi kagjonati minn strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuni ta' dawn it-tnejn minn nies b'dawk subiti minn Galea jkunu ta' natura gravi. Kwindi abbazi ta' dawn il-provi indizzjarji u diretti ma kellux ikun hemm dubbju illi kien l-appellant li f'dik il-lejla ikkagjuna griehi fuq il-persuni ta' Paul Galea u Sean Borg meta aggrediehom b'mus li huwa harge minn fuq il-persuna tieghu hekk kif beda l-iskontru bejnu u bejn Karl Grima fuq *lighter*. Billi l-argument jidher li kien qed jizvolgi vicin il-vettura ta' SSean Borg, dan mar ighid lill-appellant sabiex ma jikkawzax hsara fil-vettura tieghu, bl-appellant izda minflok jaghzel li jibda jigri warajh biex jaggredieh u anke jolqtu hafif bil-mus li

[3] App.Krim – The Police ve Peter William Clarke et 07/02/1958.

kellu f'idejh. Galea li ra x-xena tizvolgi quddiem ghajnejh intervjena biex jiddefendi lil siehbu u minflok spicca laqqat daqqiet ta' mus hu ukoll minn taht idejn l-appellant. Illi huwa minnu illi l-appellant ukoll sofra xi griehi f'dina l-kollutazzjoni, madanakollu ma hemm l-ebda prova in atti li tindika kif dawn setghu gew ikkagjonati u minn min. Dan maghdud allura din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta giet biex taghmel apprezzament tal-fattispecje ta' dan il-kaz, ghalkemm tfixxklet fl-ismijiet tal-vittmi.

Illi l-appellant finalment jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva billi tqarreb lejn il-massimu previst fil-ligi ghar-reati li dwarhom hu gie misjub hati. Illi dan ifisser illi l-appellant jikkoncedi illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' fil-parametri mahsuba fil-ligi u allura ma jistax jinghad illi kienet xi piena zbaljata jew mhux skont il-ligi. Illi meta giet biex tikkalibra l-piena jidher illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni fuq kollox il-karattru refrattarju tal-appellant li mill-fedina penali tieghu piuttost voluminuza jidher illi huwa spiss xilef difrejgh mal-gustizzja. Mhux biss izda l-appellant gie misjub hati ukoll li kien recediv biex b'hekk piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija ma setatx tigi ikkontemplata. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ma ghandhiex tiskossa d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex teroga il-piena ta' tlett snin prigunerija ghar-reati addebitati lill-appellant fejn gie misjub hati li kkaguna feriti fuq zewg persuni oltre ghal diversi reati ohra li dwarhom hu gie ukoll misjub hati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur